MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2013

Numru 28/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Marco Pace**

Illum 16 ta' Jannar, 2013

Il-Qorti,
Rat l-att ta' Akkuza numru 28/2009 mahruga mill-Avukat Generali kontra Marco Pace [detentur tal-karta tal-identita` numru 87770 (M)] fis-sebgha (7) ta' Lulju tal-elfejn u disgha (2009) fejn

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi matul il-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Frar 2005, ġewwa Ħal-Qormi, għal ħabta ta' l-għaxra (10.00p.m) u l-ħdax (11.00p.m) ta' filgħaxija, il-pulizija kienet ġiet imsejjħa sabiex tassisti fl-arrest ta' l-akkużat. Dan l-arrest kien qiegħed jipprova jiġi mwettaq peress li f'xi ħin qabel, l-akkużat kien spara żewg tiri b'senter isserat fuq karrozza ipparkjata ftit l-isfel mir-residenza tiegħu u żewg tiri oħra fuq ir-residenza ta' Giovanna Pace li tigi omm l-akkużat

stess. Wara li spara dawn it-tiri l-akkużat mar fir-residenza tiegħu numru 80 fi Triq il-Mitħna Ħal Qormi, inbarra l-bieb ta' barra bis-stanga u ingħalaq hemm gew. Dak il-ħin kien hemm Kelly Micallef, Yanika Abdilla u Mario Vella f'din ir-residenza.

Illi f'dan l-inċident il-pulizija damet żmien twil tipprova tipperswadi lill-akkużat biex joħrog minn ġo daru pero` huwa beda jirrifjuta kull proposta magħmula mill-pulizija; anzi beda jisfida l-pulizija sabiex jidhlu għalih huma, peress li kien lest għalihom;

Illi waqt li l-pulizija kienu quddiem il-bieb tiegħu u l-akkużat kien ġewwa, l-akkużat qabad arma tan-nar u spara tir għall-bieb ta' barra. Din il-bullet nifdet il-bieb u laqtet żewg vetturi bin-numri ta' reġistrazzjoni CBB107 u GAK207, li dak il-ħin kienu ipparkjati quddiem ir-residenza tiegħu. Wara dan l-aġir, il-pulizija sparat xi gass ta' dmugħ ġewwa din ir-residenza.

Illi wara li ġie sparat il-gass fir-residenza ta' l-akkużat, huwa tela' fuq il-bejt;

Illi kif kien fuq il-bejt l-akkużat għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu (1.00a.m.) tas-16 ta' Lulju, 2005, lemaħ lis-surġent tal-pulizija bin-numru 1460 George Farrugia li dak il ħin kien qiegħed josserva din ix-xena kollha minn fuq flyover paralella u livell tal-bejt ta' l-akkużat;

Illi dolożament, bil-ħsieb li joqtol lis-surġent 1460 George Farrugia jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar, l-akkużat ipponta arma tan-nar lejh u sparalu tir. Fortunatament, ma laqtux. Meta ra li ma laqtux l-akkużat reġa għafas il-grillu ta' l-arma darbtejn pero l-arma ma ħadietx u għal din ir-raguni l-akkużat ma rnexxilux fil-għan tiegħu.

Illi b'għemilu l-imsemmi Mark Pace sar ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u cioe` talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew bil-ħsieb li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan l-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma ġiex eżegwit

minħabba xi ħaga aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu;

Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Mark Pace datata 7 ta' Novembru 2002, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' reat ta' serq.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi Mark Pace reċidiv f'delitt u ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u cioe` talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew bil-ħsieb li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan l-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaga aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu; talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi hu jigi kundanat għall-piena ta' priġunerija minn seba' snin sa l-ghomor skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 49, 50, 211(1)(2), 31 (1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fil-ħmistax (15) ta' Frar 2005, fl-Triq il-Mitħna Ħal-Qormi, għal ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar, l-akkużat spara żewg tiri b'senter isserat fuq il-vettura ta' l-għamla Daihatsu Cuore bin-numru tar-reġistrazzjoni CAT231. Din l-vettura kienet ipparkjata ftit l-isfel mir-residenza ta' l-akkużat u kienet fil-pussess ta' Emanuel Gatt. B'konsegwenza ta' dawn iz-zewġ tiri tkissru il-ħġieġ ta' din il-vettura u ġarrbet diversi ħsarat fil-bibien tan-naħa tal-lemin tagħha. Wara l-akkużat mar id-dar tiegħu u qabad lill-Mario Vella jarmi fit-toilet l-iskrataċċ vojta li kien uża.

Illi b'għemilu l-imsemmi Mark Pace, sar ħati talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont ta' ħsara kien ta' aktar minn minn mija u sittax -il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47).

Illi b’sentenza mogħtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta’ Malta vs Mark Pace datata 7 ta’ Novembru 2002, l-imsemmi akkużat instab ħati ta’ reati relatati ma serq.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi Mark Pace reċidiv f’delitt u ħati talli għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobbli b’dan li l-ammont ta’ ħsara kien ta’ aktar minn mija u sittax -il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47); talab illi jingħamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkużat u illi hu jiġi kundannat għall-piena ta’ priġunerija minn erba’ xhur sa tmintax -il xahar skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 49, 50 325(1) (b), 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-ligi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi f’istess data u fl-istess triq pero` għal ħabta tas-sitta u nofs ta’ filgħaxija, l-akkużat kellu argument ma ommu Giovanna Pace fuq xi permess li kien ta lil ċertu wieħed Chris Mazatelli sabiex idaħħal id-dgħajsa tiegħu fil-garaxx mikri għandhom. L-akkużat mar quddiem ir-residenza ta ommu li ġġib in-numru 61 Triq il-Mitħna Qormi u hemmhekk beda jispara fuq il-faċċata tad-dar tagħha. L-akkużat minn distanza ravviċinata spara tir fid-direzzjoni tal-bieb ta’ barra u tir ieħor fid-direzzjoni tal-gallarija. Xi ċomb irrnexxielu jinfed u jidħol fl-intrata ta’ Giovanna Pace. Din imwerwra ċemplet lill-pulizija sabiex jagħtuha l-għajnuna pero` x’ħin waslu, l-akkużat kien diġa` mar issakkar fid-dar tiegħu u qabad lil Mario Vella jerġa’ jarmi l-iskrataċċ li kien uża fit-tiolet.

Illi b’għemilu l-imsemmi Mark Pace, sar ħati talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobbli b’dan li l-ammont ta’ ħsara kien ta’ aktar minn mija u sittax -il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47).

Illi b’sentenza mogħtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta’ Malta vs Mark Pace datata 7 ta’

Novembru 2002, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' reati relatati ma serq.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi Mark Pace reċidiv f'delitt u ħati talli għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddieħor, mobbli jew immobbli b'dan li l-ammont ta' ħsara kien ta' aktar minn mija u sittax -il euro u sebgħa u erbgħin ċentezmu (€116.47); talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi hu jiġi kundannat għall-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa tmintax -il xahar skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 49, 50 325(1) (b), 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-ligi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba` Kap illi fiż-żmien u taħt iċ-ċirkostanzi indikati fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet Kap ta' l-Att ta' l-Akkuża u ċioe` fil-15 u fis-16 ta' Frar 2005, waqt li kien fir-residenza tiegħu 83 Triq il-Mitħna Qormi, l-akkużat żamm armi tan-nar u munizzjoni. Għall-dawn l-armi u munizzjon huwa ma kellux liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. B'dawn l-armi huwa spara tiri fuq il-vettura ta' għamla Daihatsu Cuore bin-numru tar-reġistrazzjoni CAT231, spara tiri fuq il-bieb u l-gallarija tal-fond numru 61 Triq il-Mitħna Qormi li tigi r-residenza ta' ommu Giovanna Pace, spara tir mir-residenza tiegħu għal barra fejn kien hemm il-pulizija jistennewh u prova ukoll joqtol lis-surġent 1460 George Farrugia.

Illi għalhekk b'għemilu l-imsemmi Mark Pace, sar ħati talli minghajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija fil-fond 83 Triq il-Mitħna Qormi żamm u kellu fil-pussess tiegħu armi tan-nar u munizzjoni.

Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Mark Pace datata 7 ta' Novembru 2002, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' reati relatati ma' serq.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi Mark Pace reċidiv f'delitt u ħati talli mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija żamm fil-

fond 83 Triq il-Mitħna Qormi armi tan-nar u munizzjoni; talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi hu jiġi kundannat għall-piena ta’ multa ta’ mhux inqas minn disgħa u sittin euro u tmienja u tmenin euro ċentezmi (€69.88) jew priġunerija għal żmien ta’ mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien skond l-artikolu 3 ta’ l-Ordinanza Dwar L-Armi, Kapitolu 66 u l-artikoli 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-ligi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

5. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi fiż-żmien u taħt iċ-ċirkostanzi indikati fl-ewwel, fit-tieni u fit-tielet Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuża u ċioe` fil-15 u fis-16 ta’ Frar 2005, ġewwa Ħal-Qormi waqt li kien fi Triq il-Mitħna Qormi, l-akkużat kellu fil pussess jew fil-kontroll tiegħu armi tan-nar jew munizzjoni. Għal dawn l-armi u munizzjon huwa ma kellux liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. B’dawn l-armi huwa spara tiri fuq il-vettura ta’ għamla Daihatsu Cuore bin-numru tar-reġistrazzjoni CAT231, spara tiri fuq il-bieb u fuq il-gallarija ta’ fond numru 61 Triq il-Mitħna Qormi li tiġi r-residenza ta’ ommu Giovanna Pace u prova ukoll joqtol lis-surġent 1460 George Farrugia.

Illi għalhekk b’għemilu l-imsemmi Mark Pace, sar ħati talli mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija fi Triq il-Mitħna Qormi kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu jew kellu f’idejh jew fuqu armi tan-nar u munizzjoni.

Illi b’sentenza mogħtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta’ Malta vs Mark Pace datata 7 ta’ Novembru 2002, l-imsemmi akkużat instab ħati ta’ reati relatati ma serq.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi Mark Pace reċidiv f’delitt u ħati talli mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija waqt li kien fi Triq il-Mitħna Qormi kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu, jew kellu f’idejh jew fuqu armi tan-nar u munizzjoni; talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi hu jigi kundannat għall-piena ta’ priġunerija għal żmien ta’

minn ħames xhur sa tlett snin, skond l-artikolu 3(1)(A) ta' l-Ordinanza Dwar L-Armi, Kapitolu 66 u l-artikoli 49, 50, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

6. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Sitt Kap illi fiż-żmien u taħt iċ-ċirkostanzi indikati fl-ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuża u ċioe` fil-15 u fis-16 ta' Frar 2005, ġewwa Ħal-Qormi waqt li l-akkużat kien imsakkar fil-fond 80 fi Triq il-Mitħna Qormi u l-Ispettur Jeffrey Cilia kien qieghed jipprova jipperswadih biex joħroġ minn ġo daru, l-akkużat beda jhedded lill-pulizija li kien fetaħ iċ-ċilindri tal-gas u li kien se jgħolli l-binja u joqtol lil kulhadd. Illi waqt dawn id-diskursati ma' l-Ispettur Jeffrey Cilia permezz taċ-ċellulari, l-akkużat inġurja u hedded ukoll personalment lill-Ispettur li se joqtollu l-familja. Dan it-theddid beda jsir sabiex ibeżża lil pulizija u titlaq minn fuq il-post u ma tarrestahx għal dak li kien għadu kif għamel.

Illi għalhekk b'għemilu l-imsemmi Mark Pace, sar ħati talli inġurja u hedded lill-Ispettur Jeffrey Cilia u lill-membri tal-korp li kienu preżenti fuq il-post waqt li dawn kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra il-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dan is-servizz.

Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Mark Pace datata 7 ta' Novembru 2002, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' reati relatati ma serq.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi Mark Pace reċidiv f'delitt u ħati talli ngurja, jew hedded il-persuna ta' wieħed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qiegħed jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi f'eżekuzzjoni ta' dan is-servizz; jitlob illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi hu jiġi kundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' minn xagħrejn sa disa' xhur, skond l-artikoli 95, 249, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi

Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-ligi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

7. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Seba` Kap illi fiż-żmien u taħt iċ-ċirkostanzi indikati fl-ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuża u ċioe` fil-15 u fis-16 ta' Frar 2005, ġewwa Ħal-Qormi waqt li l-akkużat kien imsakkar fil-fond 80 fit-Triq il-Mitħna Qormi u l-Ispettur Jeffrey Cilia kien qiegħed jipprova jipperswadi lill-akkużat biex joħrog minn ġo daru, l-akkużat offra reżistenza bi vjolenza kontra il-pulizija. Fil-fatt, waqt li l-pulizija kienu quddiem il-bieb tiegħu u hu kien ġewwa, qabad arma tan-nar u spara tir għal bieb ta' barra. Din il-bullet nifdet il-bieb u laqtet żewg vetturi bin-numri ta' reġistrazzjoni CBB107 u GAK207, li dak il-ħin kienu pparkjati quddiem ir-residenza tiegħu. Fortunatament ħadd ma ntlaqat b'dan it-tir.

Illi għalhekk b'għemilu l-imsemmi Mark Pace, sar ħati talli attakka u għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorita` kompetenti u b'dan billi uża arma regolari.

Illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Mark Pace datata 7 ta' Novembru 2002, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' reati relatati ma serq.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi Mark Pace reċidiv f'delitt u ħati talli attakka u għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorita kompetenti u b'dan li uża arma regolari; talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi hu jiġi kundannat għall-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin skond l-artikoli 96, 97, 49, 50, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena

oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

8. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tmin Kap illi fis-16 ta’ Frar tas-sena 2005 għall-habta tal-ħdax u nofs ta’ filgħaxija (11.30pm) waqt li l-akkużat kien qiegħed miżmum f’ċella fil-*lock up* tal-pulizija ġewwa il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, l-Ispettur Jeffrey Cilia mar sabiex ikellem lill-akkużat fuq l-inċidenti imsemmija. Dak il-ħin l-akkużat qala’ s-sink ta’ l-*istainless steel* li kien imwaħħal fiċ-ċella u beda jħabbtu mal-ħajt u mal-bieb taċ-ċella. Bid-daqqiet dan is-sink tgħaffeġ u kellu jinbidel. Sabiex inxtara u twaħħal dan is-sink sewa l-ammont ta’ €243.60.

Illi b’għemilu l-imsemmi Mark Pace sar ħati ta’ ħsara volontarja fi proprjeta` pubblika u ċioe` talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobbli, b’dan li l-ammont ta’ ħsara ma kienx jiskorri l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69), imma iżjed minn mija u sittax -il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47), b’dan ukoll li l-ħsara saret fi proprjeta` pubblika.

Illi b’sentenza mogħtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta’ Malta vs Mark Pace datata 7 ta’ Novembru 2002, l-imsemmi akkużat instab ħati ta’ reati relatati ma serq.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi Mark Pace reċidiv f’delitt u ħati ta’ ħsara volontarja fi proprjeta` pubblika u ċioe` talli volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddieħor, mobbli jew immobbli, b’dan li l-ammont tal-ħsara ma kienx jiskorri l-elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69), imma iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47), b’dan ukoll li l-ħsara saret fi proprjeta` pubblika; talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi hu jiġi kundannat għall-piena ta’ priġunerija minn tlettax sa tlett snin kif ukoll kundannat iħallas multa ekwivalenti għall-ħsara li tkun saret skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 325(1) (b), ir-raba proviso ta’ l-artikolu 325 (1), l-artikoli 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull

piena oħra li tista' skond il-ligi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat Marco Pace pprezentati fil-wiehed u tletin (31) ta' Lulju tal-elfejn u disgha (2009) fejn ecepixxa illi

1. In-nullita` ta' l-att ta' l-akkuza fl-ismijiet premessi in kwantu jezisti difett fl-atti tal-kumpilazzjoni konsistenti fin-nuqqas ghal kollox tar-rapport ta' l-ufficjal tal-Pulizija, u dan ai termini tas-subinciz (4) ta' l-artikolu 597 tal-Kodici Kriminali;
2. Bla pregudizzju ghall-generalita` ta' l-ewwel eccezzjoni, l-piena mitluba fl-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuza ma hijiex kontemplata fil-ligi;
3. Bla pregudizzju ghall-generalita` ta' l-ewwel eccezzjoni, l-akkuza fit-tielet kap ta' l-att ta' l-akkuza ma tistax titmexxa 'l quddiem in kwantu ma hemmx il-kwerela ta' Giovanna Pace skond l-artikolu 332 tal-Kodici Kriminali u lanqas ma tista` tali kwerela titqies li saret skond is-subinciz (5) ta' l-artikolu 390 ta' l-imsemmi Kodici in vista ta' l-ghazla ta' l-istess Giovanna Pace meta giet prodotta fl-istruttorja;
4. Bla pregudizzju ghall-generalita` ta' l-ewwel eccezzjoni, n-nullita` tas-sitt kap ta' l-att ta' l-akkuza in kwantu l-fatt migjub ma jikkostitwix, fis-sustanza, ir-reat migjub jew deskritt fl-istess kap;
5. Bla pregudizzju ghall-generalita` ta' l-ewwel eccezzjoni u ghar-raba' eccezzjoni, l-piena mitluba fis-sitt kap ta' l-att ta' l-akkuza ma hijiex kontemplata fil-ligi;
6. Bla pregudizzju ghall-generalita' ta' l-ewwel eccezzjoni, n-nullita` tas-seba` kap ta' l-att ta' l-akkuza in kwantu l-fatt migjub ma jikkostitwix, fis-sustanza, ir-reat migjub jew deskritt fl-istess kap;
7. L-akkuzat kien fi stat ta' genn fiz-zmien tar-reat;
8. L-akkuzat kien fi stat ta' genn fiz-zmien tal-kawza liema stat ghadu jipperdura sal-lum;
9. L-inammissibilita` ta' folios 19 sa 43 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni in kwantu l-kontenut taghhom huwa manifestament irrilevanti, m'ghandu xejn x'jaqsam mal-kaz u huwa intiz biss biex titfa` dell fuq il-karattru ta' l-akkuzat biex jinholoq pregudizzju ingust u ingustifikat

f'mohh il-gurati u, konsegwentement, l-inammissibilita` wkoll tat-tape esebit minn PS 563 Dennis Chircop fil-21 ta' Frar, 2005 li jinsab esebit a fol. 34A ta' l-istess atti;

10. L-inammissibilita` tar-relazzjoni ta' l-esperti Brigadier Maurice Calleja u PS 560 Joseph Farrugia (a fol. 335 et seq. Ta' l-atti tal-kumpilazzjoni) in kwantu giet maghmula in parti mill-imsemmi PS 560 Joseph Farrugia li ma giex nominat bhala espert ballistiku;

11. Ghandu jigi ordnat l-isfilz tax-xiehda ta' l-erperti Brigadier Maurice Calleja u PS 560 Joseph Farrugia (fols. 331-334 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni) in kwantu ma gewx iffirmati mill-Magistrat li kkonduca l-Isturttorja;

12. Bla pregudizzju ghall-eccezzjoni numru 10, l-inammissibilita` tar-relazzjoni ta' l-esperti Brigadier Maurice Calleja u PS 560 Joseph Farrugia ghall-istess ragunijiet imsemmija fl-eccezzjoni precedenti in kwantu relazzjoni ma tistax tigi esebita *in vacuo*;

13. L-inammissibilita` tar-relazzjoni ta' Godwin Sammut (a fol. 401 et seq. Ta' l-atti tal-kumpilazzjoni) in kwantu l-istess xhud qatt ma gie nominat mill-Qorti u, fi kwalunkwe kaz, il-verbal li jinsab a fol. 17 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni ma giex iffirmat mill-Magistrat u ghalhekk ma ghandu ebda valur legali u probatorju;

14. Bla pregudizzju ghall-eccezzjoni numru 13, l-inammissibilita` tar-relazzjoni ta' Godwin Sammut (a fol. 401 et seq. Ta' l-atti tal-kumpilazzjoni) in kwantu l-kontenut tieghu huwa manifestament irrilevanti galadarba ma hemm ebda akkuza rigward is-sustanza msemmija fl-istess relazzjoni u ghalhekk m'ghandha xejn x'taqsam mal-kaz u hija intiza biss biex titfa` dell fuq il-karattru ta' l-akkuzat biex jinholoq pregudizzju ingust u ingustifikat f'mohh il-gurati;

15. Ghandu jigi ordnat l-isfilz tax-xiehda ta' PS 1460 George Farrugia (fols. 424-429 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni), ta' PC 62 Pio Mario Borg (fols. 430-433) u ta' PC 1247 Noel Massa (fols. 434-437) in kwantu ma gewx iffirmati mill-Magistrat li kkonduca l-Istruttorja;

16. L-inammissibilita` tar-relazzjonijiet immarkati bhala dokumenti PF, PF1 u PF2 esebiti minn PC 1525 Patrick Farrugia peress li ma jirrizultax li gie nominat bhala fotografu mill-Magistrat li kkonduca l-Istruttorja u, fi kwalunkwe kaz, il-verbal li jinsab a fol. 17 ta' l-atti tal-

kumpilazzjoni ma giex iffirmat mill-Magistrat u ghalhekk ma ghandu ebda valur legali u probatorju;
17. L-inammissibilita` tax-xiehda u r-relazzjonijiet ta' PS 1184 Patrick Grech u PS 1336 Jesmond Micallef peress li ma gewx nominati bhala esperti mill-Magistrat Inkwirenti kif huma stess qed jallegaw;
18. Ghandu jigi ordnat l-isfilz tax-xiehda ta' l-espert Martin Bajada (fols. 603-605) ta' l-atti tal-kumpilazzjoni) in kwantu ma gewx iffirmati mill-Magistrat li kkonduca l-Istruttorja;
19. Bla pregudizzju ghall-eccezzjoni numru 18, l-inammissibilita` tar-relazzjoni ta' l-espert Martin Bajada ghall-istess ragunijiet imsemmija fl-eccezzjoni precedenti in kwantu relazzjoni ma tistax tigi esebita *in vacuo*.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezentata fit-tmintax (18) ta' Gunju tal-elfejn u ghaxra (2010) (fol 41);

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel eccezzjoni giet irtirata permezz tan-nota tal-hamsa (5) ta' Frar tal-elfejn u ghaxra (2010) (fol 22) u ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

It-tieni eccezzjoni giet irtirata fl-erbatax (14) ta' Marzu tal-elfejn u tnax (2012) (fol 81) wara illi Qorti ordnat korrezzjoni tal-att tal-akkuza fuq talba tal-istess Avukat Generali. Ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni.

Rigward it-tielet eccezzjoni l-akkuzat qieghed jallega illi t-tielet kap tal-att ta' akkuza ma setax jitmexxa 'l quddiem il ghaliex ma kienx hemm il-kwerela ta' omm l-akkuzat Giovanna Pace skont l-artikolu 332 tal-Kodici Kriminali u lanqas ma tista' tali kwerela titqies illi saret skont is-subinciz 5 tal-artikolu 390 tal-imsemmi kodici in vista tal-ghazla tal-istess Giovanna Pace meta giet prodotta fl-Istruttorja.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi kienet l-istess omm l-akkuzat, Giovanna Pace, illi ghamlet il-kwerela fl-ewwel lok billi ghamlet sejha lill-pulizija ghall-ghajnuna meta kien qed jinqala' dan l-incident li fih l-akkuzat allegatament spara b'arma tan-nar lejn il-faccata tal-bieb tar-residenza ta' ommu Giovanna Pace.

Ghalhekk, peress illi dana huwa reat maghmul fil-pubbliku fejn persuna kellha l-inkolumità taghha mhedda, allura l-pulizija setghet tmexxi l-azzjoni *ex officio*, u anki jekk ghall-grazzja tal-argument, Giovanna Pace kellha tahfer lill-akkuzat, din il-mahfra ma jkollha l-ebda effett fuq l-azzjoni, u tista' biss, f'kazijiet kongruwi, tinfluwixxi fuq il-piena. (Il-Pulizija kontra Stephen Muscat, Appell Kriminali 5 ta' Mejju 1995).

Ghalhekk il-Qorti tghaddi biex tichad it-tielet eccezzjoni tal-akkuzat.

Ir-raba', il-hames u s-sitt eccezzjonijiet gew irtirati permezz tan-nota tal-hamsa (5) ta' Frar tal-elfejn u ghaxra (2010) (fol 22).

Is-seba' eccezzjoni giet irtirata permezz tan-nota tas-sbatax (17) ta' Gunju tal-elfejn u ghaxra (2010) (fol 38) u t-tmien eccezzjoni giet irtirata permezz tan-nota tal-hamsa (5) ta' Frar tal-elfejn u ghaxra (2010) (fol 22).

Fl-eccezzjoni numru disgha (9), l-akkuzat qieghed jecepixxi l-inammissibilità ta' folios dsatax sa tlieta u erbghin (19 – 43) fl-atti tal-kumpilazzjoni in kwantu l-kontenut taghhom huwa manifestament irrelevanti, u wkoll l-inammissibilità tat-tape esebit minn PS 563 Dennis Chircop fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar elfejn u hamsa (2005) li jinsab esebit a fol 34A tal-istess atti.

Ikkunsidrat:

Wara li l-Qorti rat il-pagni indikati mill-akkuzat issib illi din l-evidenza ghandha tkun ammissibbli u ghandha r-rilevanza taghha peress illi l-armi illi ntuzaw f'dan l-incident baqghu ma nstabux, u dawn il-pagni jirrakkuntaw

l-isforzi tal-pulizija sabiex isibu dawn l-armi li ntuzaw fl-incident. Fil-pagni hemm ukoll diskors in kodici maghmul minn Alfred Bugeja lil Janica Abdilla illi kienet wahda mit-tfajiet maqbuda fil-fond waqt dan l-incident. It-tape esebit minn PS 563 Dennis Chircop huwa dan id-diskors u ghalhekk huwa ammissibbli u rilevanti skont il-ligi.

Ghalhekk, hawnhekk il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjoni numru disgha (9) tal-akkuzat.

Rigward l-eccezzjoni numru ghaxra (10) il-Brigadier Maurice Calleja kien gie nominat bhala espert ballistiku (fol 232) u konfermat mill-Qorti tal-Magistrati (fol 248), mentri PS 560 Joseph Farrugia kien nominat bhala scene of the crime officer u wkoll konfermat mill-Qorti tal-Magistrati (fol 248). Bhala scene of the crime officer, persuna tkun mahtura minhabba l-kwalitajiet specjali taghha. F’dan il-kaz Joseph Farrugia huwa espert ballistiku u ghalhekk f’dan il-qasam seta’ jassisti lill-Brigadier Maurice Calleja.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

L-eccezzjoni numru hdax (11) giet irtirata permezz ta’ nota tat-tmintax (18) ta’ Jannar elfejn u tnax (2012) (fol 79), u ghalhekk il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

L-eccezzjoni numru tnax (12) giet irtirata permezz ta’ nota tal-hamsa (5) ta’ Frar tal-elfejn u ghaxra (2010) (fol 22), u ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Rigward l-eccezzjoni numru tlettax (13), l-akkuzat qieghed jilmenta illi r-relazzjoni ta’ Godwin Sammut (a fol 401 *et sequitur* tal-atti tal-kumpilazzjoni) ma kellhiex tigi mqieghda fl-atti in kwantu l-istess Godwin Sammut qatt ma gie nominat mill-Qorti u wkoll li l-verbal li jinsab a fol 17 tal-atti tal-kumpilazzjoni ma giex iffirmat mill-Magistrat u ghalhekk ma ghandu l-ebda valur legali u probatorju.

Ikkunsidrat:

Permezz tan-nota tas-sbatax (17) ta’ Frar tal-elfejn u ghaxra (2010) (vide fol 23), it-tieni parti ta’ din l-eccezzjoni giet irtirata u ghalhekk il-Qorti fadallha biss x’tikkonsidra r-relazzjoni ta’ Godwin Sammut. Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghar-risposta tal-Avukat Generali fejn huwa qabel illi tali relazzjoni mhiex rilevanti ghal dan il-kaz stante li l-akkuzat ma giex akkuzat b’reati in konnessjoni mal-abbuz tad-droga.

Ghalhekk, il-Qorti tilqa’ din l-eccezzjoni u tordna li r-relazzjoni ta’ Godwin Sammut fil-pagni fuq imsemmija ghandha tigi sfilzata mill-atti.

L-eccezzjoni numru erbatax (14) ukoll qed tigi milqugha però stante li r-relazzjoni ta’ Godwin Sammut qed tigi sfilzata, mhux il-kaz illi l-Qorti tidhol fil-kwistjoni tar-rilevanza o meno ta’ din ir-relazzjoni.

L-eccezzjoni numru hmistax (15) giet irtirata permezz tan-nota tat-tmintax (18) ta’ Jannar tal-elfejn u tnax (2012) (fol 78).

Fl-eccezzjoni numru sittax (16) l-akkuzat qieghed jecepixxi l-inammissibilità tar-relazzjonijiet immarkati bhala dokument “PF”, “PF1” u “PF2” esebixi minn PC 1525 Patrick Farrugia peress illi ma jirrizultax li gie nominat bhala fotografu mill-Maġistrat li kkonduca l-Istruttorja, u fi kwalunkwe kaz il-verbali li jinstabu a fol 17 tal-atti tal-kumpilazzjoni ma gewx iffirmati mill-Magistrat u ghalhekk ma ghandu l-ebda valur legali u probatorju.

Ikkunsidrat:

Ghal dak illi jirrigwarda t-tieni parti ta’ din l-eccezzjoni, il-Qorti tinnota li din giet irtirata permezz tan-nota tas-sbatax (17) ta’ Frar tal-elfejn u ghaxra (2010) (fol 23) u ghalhekk mhux il-kaz illi l-Qorti tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha. Rigward ir-relazzjonijiet imsemmija, il-Qorti tirrileva illi PC 1525 Patrick Farrugia ukoll gie nominat bhala scene of the crime officer (fol 232) kif ukoll sabiex jassisti fl-access kif jidher a fol 17.

Ghar-ragunijiet imsemmija minn din il-Qorti ghall-eccezzjoni numru ghaxra (10), il-Qorti jidhrilha illi bhala scene of the crime officer, Patrick Farrugia gie mqabbad ghall-professjoni, mansjoni u hila tieghu, f'dan il-kaz bhala fotografu u ghalhekk assista lill-Magistrat f'dan il-qasam u esebixxa r-relazzjoni tieghu kif kien ordnat li jaghmel. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi ghandha tichad din l-eccezzjoni.

Fl-eccezzjoni numru sbatax (17), l-akkuzat qieghed jecepixxi l-inammissibiltà tax-xhieda u relazzjonijiet ta' PS 1184 Patrick Grech u PS 1336 Jesmond Micallef peress illi ma gewx nominati bhala esperti tal-Magistrat Inkwirenti.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti hawnhekk jidhirlha illi l-akkuzat ghandu ragun peress illi ma tirrizultax in-nomina taghhom u jekk ghamlu xi relazzjonijiet dawn ghandhom jigu sfilzati. Però b'daqshekk ma jfissirx illi ma jistghux jittellghu mill-Prosekuzzjoni bhala xhieda in konnessjoni max-xoghol taghhom ta' pulizija. Dana jistghu jaghmluh minghajr ma jesprimu xi opinjoni. Ghalhekk il-Qorti qieghda tilqa' in parti din l-eccezzjoni.

Rigward l-eccezzjoni numru tmintax (18), dina giet irtirata fit-tmintax (18) ta' Jannar tal-elfejn u tnax (2012) (fol 22). U l-eccezzjoni numru dsatax (19) giet irtirata permezz tan-nota tal-hamsa (5) ta' Frar tal-elfejn u ghaxra (2010) (fol 22).

B'hekk il-Qorti qieghda tiddisponi mill-eccezzjonijiet kollha li qajjem l-akkuzat permezz tan-nota tal-wiehed u tletin (31) ta' Lulju tal-elfejn u disgha (2009) u tiddiferixxi l-kawza *sine die* sabiex tistenna t-turn taghha sabiex tinstema' bil-guri previa appell minn din id-decizjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------